Aċċess għat-Tempji Megalitiċi għall-Proġett tal-Istudji Soċjali

Bħas-snin li għaddew Heritage Malta qed toffri aċċess għat-tempji megalitiċi biex isir il-proġett tas-Sitt Sena tal-Primarja. Is-siti fejn jista' jsir il-proġett huma:

- It-Tempji ta' Ħaġar Qim, il-Qrendi
- It-Tempji ta' Ħal Tarxien, Ħal Tarxien
- It-Tempji tal-Ġgantija, ix-Xagħra, Għawdex

Biex wieħed jibbukkja s-siti irid jimla l-applikazzjoni onlajn fuq https://heritagemalta.org/schoolbooking/ Il-booking tiegħek ma jiġix aċċettat sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta.

Id-dokumenti marbuta mal-proġett tal-istudji soċjali jinsabu fuq is-sit uffiċjali tas-suġġett: https://primarysocialstudies.skola.edu.mt/?page_id=2744

Dwar il-fieldwork:

1. F'Ħaġar Qim u l-Ġgantija jistgħu jidħlu sa 55 persuna f'daqqa (inkluż għalliema u LSA), filwaqt li fit-Tempji ta' Ħal Tarxien in-numru m'għandux jaqbeż it-30.

2. Is-sessjonijiet jibdew fid-9.00am.

3. Il-bookings jibqgħu sejrin sal-aħħar ta' Mejju.

4. Ħaġar Qim u l-Ġgantija huma aċċessibbli sa ċertu punt; fiċ-ċentru tal-viżitaturi m'hemmx problema imma jista' jkun hemm xi diffikultajiet biex wieħed jidħol fit-tempji minħabba li f'ċertu partijiet l-art mhijiex lixxa minkejja li hemm rampi u walkways. It-Tempji ta' Ħal Tarxien huma aċċessibbli, iżda ċertu partijiet tal-walkway huma dojoq u għalhekk jista` jintuża wheelchair apposta li huwa pprovdut mis-sit stess. Dan għandu jiġi bbukkjat meta l-għalliem jagħmel il-booking.

5. Matul iż-żjara għandhom jiġu segwiti r-regolamenti kollha maħruġa minn Heritage Malta. Ir-regolamenti jinsabu fuq il-websajt: www.heritagemalta.org.

6. L-istudenti huma mistennija li jkollhom magħhom:

   (i) kopja tal-fieldwork; noti uffiċjali li jinsabu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt,

   (ii) żewġ lapsijiet

   (iii) field-board biex jiktbu fuqha.

7. Billi dan il-fieldwork jifforma parti mill-assessjar uffiċjali tal-aħħar tas-sena, is-sessjoni titmexxa mill-għalliem/a tal-klassi u fl-ebda ħin l-istudenti m'għandhom jitolbu l-għajnuna tal-impjegati ta'Heritage Malta li jkunu qegħdin jaqdu dmirhom fuq is-sit.

8. L-għalliema Maltin jistgħu jagħmlu l-fieldwork tal-Ġgantija, flok dak ta' Ħaġar Qim u viċe versa.

9. It-trasport lejn is-sit u lura lejn l-iskola huwa responsabbiltà tal-iskejjel.

Grazzi tal-kooperazzjoni.